Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2025/2011(INI)

22.04.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-approċċi ta' ġestjoni tas-sajd għas-salvagwardja tal-ispeċijiet sensittivi, għall-indirizzar tal-ispeċijiet invażivi u għall-benefiċċju tal-ekonomiji lokali (2025/2011(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: André Rodrigues

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 7

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-approċċi ta' ġestjoni tas-sajd għas-salvagwardja tal-ispeċijiet sensittivi, għall-indirizzar tal-ispeċijiet invażivi u għall-benefiċċju tal-ekonomiji lokali (2025/2011(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi[3] (ir-Regolament IAS),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Kontroll u l-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra u tas-Sedimenti tal-Bastimenti,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A10-0000/2025),

A. billi l-UE ilha tirrikonoxxi l-importanza ta' approċċi sostenibbli fil-qasam tas-sajd u l-ġestjoni tas-sajd li jippreservaw il-bijodiversità tal-baħar, jipproteġu speċijiet sensittivi, jappoġġjaw l-ekonomiji lokali u jiżguraw is-sigurtà tal-ikel;

B. billi l-ispeċijiet aljeni invażivi (IAS) huma wieħed mill-muturi tat-telfien tal-bijodiversità, għandhom impatti negattivi fuq is-sajd u l-akkwakultura, u l-funzjonijiet tal-ekosistema, u jistgħu jkunu ta' detriment għas-saħħa tal-bniedem u għall-bijosigurtà;

C. billi l-UE adottat diversi miżuri biex timmappja u tikkontrobatti t-tixrid tal-ispeċijiet aljeni invażivi, b'mod partikolari r-Regolament IAS, li jistabbilixxi lista ta' speċijiet li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni u jinforza miżuri ta' kontroll;

D. billi n-Network Ewropew ta' Informazzjoni dwar l-Ispeċijiet Aljeni (EASIN) bħalissa jimmonitorja 12 423 speċi aljena f'diversi ambjenti, li minnhom 1 440 (11,6 %) huma speċijiet tal-baħar; billi, 53 % tax-xtut tal-baħar tal-Ewropa ilhom taħt pressjoni mill-ispeċijiet aljeni invażivi mill-2019, b'varjazzjoni reġjonali sinifikanti – 33 % fil-Baħar

[1] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj.
[2] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1224/oj.
[3] ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1143/oj.

Baltiku, 100 % fil-Baħar l-Iswed, 98 % fil-Baħar Mediterran u 25 % fil-Grigal tal-Oċean Atlantiku;

E. billi t-tibdil fil-klima, speċjalment it-tisħin tal-oċeani, u ż-żieda fil-moviment tal-merkanzija u tal-persuni huma vetturi ewlenin għall-introduzzjoni tal-ispeċijiet aljeni invażivi u jistgħu jintensifikaw l-impatt tagħhom fuq speċijiet sensittivi, ekosistemi u, konsegwentement, attivitajiet tas-sajd;

F. billi l-indirizzar tal-ispeċijiet aljeni invażivi jirrikjedi wkoll azzjoni internazzjonali b'saħħitha; billi l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) tirrikonoxxi l-ispeċijiet aljeni invażivi bħala kwistjoni trasversali, u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (GBF) għandu l-għan li jnaqqas l-introduzzjoni u l-istabbiliment tal-ispeċijiet aljeni invażivi b'mill-anqas 50 % sal-2030;

Speċijiet sensittivi: indikaturi tar-reżiljenza għall-oċeani

1. Jenfasizza r-rwol uniku li jaqdu l-ispeċijiet sensittivi bħala indikaturi tal-istatus tal-ekosistemi tal-baħar, u l-benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mill-protezzjoni u l-konservazzjoni tagħhom;

2. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu approċċi ta' ġestjoni tas-sajd li jipprijoritizzaw il-konservazzjoni ta' speċijiet sensittivi, inkluż billi jimplimentaw kif xieraq l-għanijiet tal-UE rigward iż-żoni protetti tal-baħar u jsaħħu l-protezzjoni tal-ħabitats kritiċi;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-għodod tal-PKS, b'mod partikolari miżuri tekniċi biex jindirizzaw l-interazzjonijiet tas-sajd u jtejbu l-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi;

4. Ifakkar fl-importanza tad-data miġbura fl-ambitu tal-PKS biex tidentifika b'mod xieraq l-impatt tas-sajd fuq speċijiet sensittivi;

5. Jenfasizza l-importanza li jissaħħu l-protezzjoni u l-irkupru ta' speċijiet sensittivi fil-proposti legali pertinenti kollha, li jestendu lil hinn minn dawk direttament relatati mal-PKS;

Speċijiet invażivi: theddid għall-oċeani u l-ekonomija tagħna

6. Jissottolinja li l-ispeċijiet aljeni invażivi jheddu s-sajd u l-akkwakultura, il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar indiġeni, u b'hekk jaffettwaw l-introjtu tas-sajjieda u tal-komunitajiet kostali;

7. Ifakkar li fl-UE, 88 speċi aljena invażiva huma strettament regolati, inklużi 47 speċi ta' annimali u 41 speċi ta' pjanti li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni;

8. Jiddispjaċih għall-fatt li l-lista attwali ta' speċijiet ta' tħassib għall-Unjoni ma tirrikonoxxix għal kollox it-theddida tal-ispeċijiet aljeni invażivi għas-sajd, l-akkwakultura u l-ambjent tal-baħar tal-UE – attwalment żewġ speċijiet tal-baħar biss (*Plotosus lineatus* u *Rugulopteryx okamurae*) huma inklużi fil-lista; jitlob li din il-lista titjieb abbażi ta' pariri xjentifiċi u valutazzjonijiet tar-riskju aġġornati;

9. Jiddispjaċih għan-nuqqas ta’ programmi ta’ monitoraġġ speċifiċi għall-ispeċijiet aljeni invażivi tal-baħar, u jappella għal metodi ta’ monitoraġġ imtejba u għall-armonizzazzjoni tal-indikaturi madwar l-UE u għal aktar appoġġ tekniku u finanzjarju;

10. Jirrakkomanda li jiġu stabbiliti metodoloġija u valuri li jistabbilixxu l-limiti massimi għar-reġjuni u s-subreġjuni tal-baħar Ewropej kollha, filwaqt li jitqies l-impatt fuq is-sajd, il-ġestjoni tar-rotot u l-ħtieġa li tiġi infurzata l-Konvenzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Ilma tas-Saborra u li jiġu applikati linji gwida dwar il-ħmieġ mal-buq;

11. Jenfasizza r-rabtiet potenzjali bejn l-ispeċijiet aljeni invażivi introdotti fl-ekosistemi tal-art u tal-ilma ħelu u dawk fl-oċeani u fl-ibħra, u l-impatt tagħhom fuq is-sajd u l-akkwakultura; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija komprensiva biex tindirizza din il-kwistjoni;

12. Jisħaq li approċċ ta’ ġestjoni bbażata fuq ir-rotot li jkun olistiku, preventiv u b’diversi vetturi huwa prijorità assoluta biex jiġu indirizzati b’mod effettiv l-ispeċijiet aljeni tal-baħar; iħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-użu tal-analiżi tal-prospettivi u tekniki ġodda bħall-eDNA, l-intelliġenza artifiċjali u l-monitoraġġ awtomatizzat, kif ukoll is-sajjieda, il-komunitajiet kostali u x-xjenza taċ-ċittadini bħala għodod għall-prijoritizzazzjoni ta’ speċijiet aljeni invażivi ġodda, emerġenti u ta’ riskju għoli għas-sajd u l-akkwakultura;

13. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-komunikazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni sabiex jimplimentaw miżuri ta’ rispons rapidu għad-detezzjoni bikrija u l-qerda rapida tal-ispeċijiet aljeni invażivi tal-baħar, kif ukoll jiġġestixxu speċijiet li diġà huma mifruxa ħafna;

14. Jissottolinja li l-Baħar Mediterran, b’mod partikolari, huwa hotspot, u għandu aktar speċijiet aljeni invażivi minn kwalunkwe baħar ieħor globalment, b’impatti sinifikanti fuq is-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, u b’hekk jeħtieġ attenzjoni partikolari;

15. Jenfasizza l-importanza tas-Sistema ta’ Notifika EASIN, b’mod partikolari biex jiġu rrapportati fil-ħin u b’mod komprensiv detezzjonijiet ġodda, miżuri ta’ qerda u detezzjonijiet ta’ kontroll uffiċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu s-sistema billi jipprovdu informazzjoni addizzjonali, b’mod partikolari data ta’ distribuzzjoni, partikolarment bil-kontribut ta’ informazzjoni mis-sajjieda;

16. Ifakkar fid-dimensjoni internazzjonali tal-ispeċijiet aljeni invażivi u jissuġġerixxi li l-UE ssaħħaħ l-azzjonijiet tagħha f’dan ir-rigward permezz ta’ organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, fil-kuntest tal-KDB u tal-GBF, u jistieden lill-UE ssaħħaħ il-kondiviżjoni tal-għarfien kollaborattiva u l-iskambji ta’ tagħlim reċiproċi ma’ pajjiżi oħra;

Opportunitajiet u sfidi għall-komunitajiet kostali

17. Jisħaq li l-ispeċijiet aljeni invażivi għandhom impatti negattivi sinifikanti fuq is-sajd, l-akkwakultura, il-komunitajiet kostali u attivitajiet ekonomiċi oħra; iqis li huwa kruċjali li jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi soċjali, ekonomiċi u kulturali usa’ tagħhom, lil hinn mit-telfien tal-bijodiversità u l-effetti fuq l-ekosistemi, sabiex jiġu evitati b’mod effettiv invażjonijiet ġodda u jiġu implimentati miżuri ta’ mitigazzjoni b’suċċess;

18. Jappella għall-iżvilupp ta’ kampanji ta’ sensibilizzazzjoni biex is-sajjieda, il-partijiet ikkonċernati tas-settur tas-sajd u l-pubbliku ġenerali jiġu infurmati u jkunu involuti dwar l-introduzzjoni, id-detezzjoni u l-impatti tal-ispeċijiet aljeni invażivi;

19. Jitlob li jingħata appoġġ finanzjarju għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u għall-konservazzjoni ta’ speċijiet sensittivi, kif ukoll għas-sistemi ta’ informazzjoni, monitoraġġ u twissija bikrija għall-ispeċijiet aljeni invażivi fil-livelli reġjonali, nazzjonali u tal-UE, filwaqt li jitqies l-impatt pożittiv kemm fuq is-sajd kif ukoll fuq il-konservazzjoni tal-bijodiversità;

20. Ifakkar lill-Kummissjoni li r-reġjuni ultraperiferiċi jservu bħala żoni importanti ta’ sikurezza għall-ispeċijiet tal-baħar sensittivi, filwaqt li huma wkoll vulnerabbli ħafna għall-ispeċijiet aljeni invażivi; jitlob li tiġi rikonoxxuta l-importanza li jiġu protetti dawn l-ispeċijiet sensittivi u jiġu miġġielda l-ispeċijiet aljeni invażivi f’dawn ir-reġjuni, u jenfasizza l-potenzjal tal-ekoturiżmu sostenibbli bħala mezz biex jiġu protetti l-ekosistemi tal-baħar, filwaqt li jingħataw benefiċċji diretti lis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura;

°

° °

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport jindirizza l-isfidi kruċjali u interkonnessi għas-salvagwardja tal-ispeċijiet tal-baħar sensittivi, għall-indirizzar tat-theddida dejjem tikber ta' Speċijiet Aljeni Invażivi (IAS), u għall-iżgurar li dawn l-isforzi jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-ekonomiji lokali, b'mod partikolari fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura.

Filwaqt li jinnota l-impenn fit-tul tal-Unjoni Ewropea għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajd u r-rwol tagħha biex tippreserva l-bijodiversità tal-baħar, tipproteġi l-ispeċijiet vulnerabbli, tappoġġja l-komunitajiet kostali u tiggarantixxi s-sigurtà tal-ikel, huwa jinnota wkoll li, fir-rigward tal-ispeċijiet aljeni invażivi tal-baħar hemm ferm anqas data dwar il-preżenza u t-theddid tagħhom għall-UE u l-Istati Membri milli dwar il-preżenza tal-ispeċijiet aljeni invażivi f'ekosistemi oħra.

Ir-rapport jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tal-ispeċijiet sensittivi bħala indikaturi vitali tas-saħħa tal-ekosistema tal-baħar u l-valur intrinsiku ambjentali, ekonomiku u soċjali tal-protezzjoni tagħhom. Dan iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprijoritizzaw il-konservazzjoni tagħhom permezz ta' approċċi robusti ta' ġestjoni tas-sajd, implimentazzjoni sħiħa tal-għanijiet taż-żona tal-baħar protetta, u protezzjoni msaħħa tal-ħabitats kritiċi.

Huwa jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jintużaw bis-sħiħ l-għodod disponibbli taħt il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), b'mod partikolari r-regolament dwar il-miżuri tekniċi biex jittaffew l-interazzjonijiet tas-sajd ma' speċijiet sensittivi, u jenfasizza l-importanza tad-data miġbura skont il-PKS biex jiġu vvalutati b'mod preċiż l-impatti tas-sajd u jappella għall-integrazzjoni tal-protezzjoni u l-irkupru tal-ispeċijiet sensittivi fil-proposti legali rilevanti kollha.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-lista attwali ta' speċijiet aljeni invażivi li huma sors ta' tħassib għall-Unjoni, jesprimi dispjaċir li din il-lista ma tirriflettix b'mod adegwat it-theddida sinifikanti ppreżentata mill-ispeċijiet aljeni invażivi għall-ambjent tal-baħar tal-UE u jappella biex din titjieb b'mod urġenti abbażi tal-aħħar evidenza xjentifika u valutazzjonijiet tar-riskju.

Ir-rapport jenfasizza wkoll in-nuqqasijiet fi programmi speċifiċi ta' monitoraġġ għall-ispeċijiet aljeni invażivi tal-baħar u jirrakkomanda metodi ta' monitoraġġ imtejba u l-armonizzazzjoni tal-indikaturi madwar l-UE. Huwa jirrakkomanda l-iżvilupp ta' metodoloġiji u valuri li jistabbilixxu livelli limitu għar-reġjuni tal-baħar Ewropej kollha, filwaqt li titqies il-ġestjoni tar-rotot u l-infurzar effettiv tal-Konvenzjoni dwar l-Ilma tas-Saborra.

Ir-rapport ikompli jenfasizza r-rwol dejjem jikber tat-tibdil fil-klima u taż-żieda fil-moviment globali biex jiffaċilitaw l-introduzzjoni u t-tixrid tal-ispeċijiet aljeni invażivi, u b'hekk jiġu intensifikati l-effetti tagħhom fuq speċijiet u ekosistemi sensittivi, b'konsegwenzi diretti għall-attivitajiet tas-sajd.

Fl-aħħar, jirrikonoxxi d-dimensjoni internazzjonali tal-isfida tal-ispeċijiet aljeni invażivi u l-impenn tal-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB) u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (GBF).

It-taqsima finali tiffoka fuq l-opportunitajiet u l-isfidi għall-benefiċċju tal-komunitajiet kostali. Huwa jenfasizza li l-ispeċijiet aljeni invażivi mhux biss jagħmlu ħsara lill-bijodiversità iżda wkoll ifixklu s-sajd, l-akkwakultura u attivitajiet ekonomiċi, soċjali u kulturali oħra, u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' fehim komprensiv tal-impatti ekonomiċi, tas-servizzi

tal-ekosistema, u tal-bijodiversità tal-ispeċijiet aljeni invażivi biex jiġu evitati b'mod effettiv invażjonijiet ġodda u jiġu implimentati miżuri ta' mitigazzjoni.

Jappella għall-iżvilupp ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati għas-sajjieda, il-pubbliku ġenerali u l-partijiet ikkonċernati biex jifhmu aħjar l-introduzzjoni, id-detezzjoni u l-impatti tal-ispeċijiet aljeni invażivi, u jirrakkomanda appoġġ finanzjarju għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u tal-ispeċijiet sensittivi kif ukoll għas-sistemi reġjonali, nazzjonali u Ewropej ta' informazzjoni, monitoraġġ u twissija bikrija għall-ispeċijiet aljeni invażivi, filwaqt li jirrikonoxxi l-benefiċċju doppju tagħhom għall-konservazzjoni tal-bijodiversità u s-sajd.

Fl-aħħar nett, jirrikonoxxi l-vulnerabbiltà partikolari tar-Reġjuni Ultraperiferiċi għall-ispeċijiet aljeni invażivi u l-importanza ta' speċijiet sensittivi fl-ambjenti tal-baħar tagħhom, filwaqt li jappella għar-rikonoxximent tas-sinifikat li jiġu indirizzati ż-żewġ kwistjonijiet f'dawn ir-reġjuni u li jiġi enfasizzat il-potenzjal tal-ekoturiżmu sostenibbli għall-promozzjoni tal-konservazzjoni tal-ekosistema tal-baħar b'benefiċċji diretti għas-sajd u l-akkwakultura.

Bħala konklużjoni, dan ir-rapport ifittex li jagħti spinta lill-azzjoni u jappella għal approċċ li jkun aktar integrat, ibbażat fuq ix-xjenza u kollaborattiv, u jirrikonoxxi l-urġenza u l-kumplessità ta' dawn l-isfidi interkonnessi.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Ana Cristina Cardoso (PhD), Scientific Officer, European Commission, Joint Research Centre, Directorate D – Sustainable Resources, Unit D.02 Ocean and Water

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.